MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2006

Numru. 573/2002

**Il-Pulizija**
**(Supt. Pio Pisani)**

**vs**

**Joseph Camilleri ta‘ 54 sena bin Angelo u Carmela nee Dimech, mwieled San Pawl il-Bahar, fit-8/02/1948 u joqghod ‘Bistra House‘, Triq Burmarrad, Burmarrad, detentur tal-karta tal-identita‘ bin-numru 351548 (M)**

**Illum 4 ta’ Ottubru, 2006.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Joseph Camilleri li gie akkuzat talli f‘dawn il- gzejjer u cioe fi Triq San

Publiju, Burmarrad, San Pawl il-Bhaar nhar it-2 ta‘ Lulju, 2001 ghall-habta tas-7.30 p.m. volontarjament hassar, gheml hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe fil-karozza bin-numru FAE-073 tal-marka Ford Escort, registrata f‘isem Mark Gauci ta‘ Siena Flats, Flat 1, Triq Burmarrad, Burmarrad (ID 106974M), liema hsara tammonta izjed minn hames mitt lira (Lm 1053.04).

Akkuzat ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi ikkaguna offiza fuq il-persuna ta‘ Mark Gauci (ID 106947M) liema offiza titqies bhala hafifa, u dan kif iccertifika it-Tabib N. Refalo M.D.

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta‘ tal-persuni ta‘ Mark Gauci (ID 106974 M), ta‘ Emanel Gauci (ID 62270M), u ta‘ Mario Gauci (ID 205857M) jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Joseph Camilleri (ID 351548M) b‘obbligazzjoni tieghu nnifsu that penali ta‘ somma flus li tig ffissata mill-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-kunsens ta‘ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Ikkonsidrat,

Illi dan l-incident jidher li beda meta l-akkuzat kellem lil missier Gauci biex dana ta‘ l-ahhar iwiddeb lil uliedu dwar hsara li kienu qed jaghmlulu fir-raba.   Kien minhabba hekk li ulied Gauci telghu ikellmu lill-akkuzat u hawn inqala l-incident de quo.

Ma hemmx qbil mill-verzjonijiet moghtija jekk Mark Gauci l-ewwel marx wahdu skond il-verzjoni tieghu u wara talab l-ghajnuna ta‘ huh Noel jew skond l-akkuzat u martu marrux it-tnejn ghaliha.

Li jirrizulta zgur hu li fil-kwistjoni gew involuti tliet Gaucijiet, tnejn gia msemmija u zijuhom Mario mentri l-akkuzat kien wahdu.

Lanqas ma hu car mill-provi jekk l-akkuzat giex fil-fatt aggredit (kif jghid hu) meta kien ghadu fil-van jew jinzilx hu mill-van, aggredixxa lil Mark.

Li hu cert illi Mark Gauci f'dan l-incident sofra griehi ta' natura hafifa (Dok MG1 a fol 42) mentri l-akkuzat sofra griehi serji u estensivi (vide fol 102 – 115). Ovvja dan huwa facilment spjegabbli mill-fatt li hu kien heavily outnumbered f'din l-aggressjoni, tlieta kontra wiehed.

Ma tistax f'dan ir-rigward il-Qorti ma taghmilx is-segwenti kummenti -Mark Gauci xehed li hu qalgha daqqa go genbu ta' mqass taz-zkuk minghand l-akkuzat, tant li fi kliemu "intfajt fl-art ghal mejjet" (fol 31). Ikompli a fol 32, li l-akkuzat kif kien fl-art beda anke jaghtiha bis-sieq. Frankament ic-certifikat esebit ma tantx jirrifletti l-griehi kif deposti.

Illi jirrizulta wkoll illi l-vettura ta' Mark Gauci sofriet ammont ta' dani f'dan l-incident, anzi skond id-dokument MG a fol 43, danni pjuttost estensivi.

Issa l-akkuzat qatt ma nnega li hu fil-fatt fil-fatt laqat it-truck ta' Gauci jghid pero' li ghamel hekk ghax wara x-xebgha li qalgha kien imwerwer, allura telgha got-truck. Jghid ukoll l hu fl-istat li kien ma setghax isuq dan ghax kien mugugh. Stranament jghid ukoll illi hu pprova jahrab minnf uq il-post u li ma riedx jistenna l-ambulanza ghax damet allura ried ifittex il-kura hu. Dan pero' meta qabel qal li ma setghax isuq.

Frnakament dan fil-fehma tal-Qorti xejn ma jaghmel sens. Camilleri kien biswit daru meta gara l-incident, kellu ghalhekk fejn imur mhux gol- kabina tat-truck, aktar jekk jaf ghax hekk gie suggerit li l-vettura miksura kienet qed tizgumbralu t-triq. Dana kollu jwassal il-Qorti ghal konkluzjoni li d-danni kkagunati fuq il-vettura FAE-073

kienu ta‘ natura volontarja. Per parentesi ftit li xejn jista‘ jkollha valur probatorju s-sentenza esebita anke ghax hija biss kopja informali ta‘ l-istess.

Ghaldaqstant qed issib lil Joseph Camilleri hati biss ta‘ l-ewwel akkuza wara li rat l-artiklu 325 tal-Kapitlu 9. Qed tilliberah mit-tieni akkuza in kwantu Mark Gauci certament sofra xi griehi hfief f‘din il-glieda, pero kien hu li mar ifittex is-sodisfazzjoni.

Dwar il-piena rat l-artikolu 325 tal-Kapitlu 9. Rat il-fedina penali ta‘ l-akkuzat u qed tikkundannah ghal tlettax-il xahar habs sospizi ghal sentejn wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9.

Rat ukoll l-artiklu 383 tal-Kapitlu 9 u qeghda torbot lill-akkuzat b’obbligazzjoni teighu innifsu taht penali ta’ Lm 100 ghal sena mil-llum li b’ebda mod ma javvicina, jkellem jew jivvessa lil Mark Gauci, Emanuel Gauci u Mario Gauci.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------